MISTOQSIJA ORALI O-01-00/07
imressqa skond l-Artikolu 108 tar-Regoli ta' Proċedura
minn Georgs Andrejevs, f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel lill-Kummissjoni

Suġġett: Azzjoni biex jingħeleb il-mard Kardjovaskulari

Jekk nafu li l-mard kardjovaskulari huwa l-qattiel numru wieħed fl-Ewropa u huwa responsabbli għal 1.9 miljun mewta fl-UE kull sena. F'Ġunju 2004, il-Kunsill għaraf il-bżonn "biex ikun indirizzat b'mod effettiv, u titnaqqas l-inċidenza u t-tbatija mill-mard kardjovaskulari". Meta qed tippjana l-Kummissjoni biex tipproduċi Komunikazzjoni dwar il-prevenzjoni u l-għarfien minn kmieni tal-mard kardjovaskulari biex tirrifletti dan l-impenn?

Jekk nafu li hemm inugwaljanzi dwar is-saħħa madwar l-UE, kif ser tippromwovi l-Kummissjoni, skambju regolari ta' esperjenza, informazzjoni u dejta dwar is-saħħa kardjovaskulari bejn kull min għandu interess u hu involut fil-prevenzjoni tal-mard kardjovaskulari?

X'inhuma il-passi li jmiss le ser tieħu l-Kummissjoni biex jitnaqqas il-piż tal-mard kardjovaskulari minn fuq il-produttività ekonomika Ewropea madwar l-Istati Membri?

Kif ser tikkonsidra l-Kummissjoni, l-opportunitajiet differenti ta' ffinanzjar bħas- 7 Programm Qafas ta' Riċerka, fondi strutturali u l-Fond għall-Iżvilupp Ewropew biex tinkoraġġixxi il-promozzjoni dwar saħħa kardjovaskulari, għarfien sa minn kmieni u interventi ta' prevenzjoni kif ukoll aktar riċerka dwar il-mard kardjovaskulari?

Imressqa: 00.00.2007
Mibgħuta: 00.00.2007
Skadenza: 00.00.2007